MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 709/2002

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Dino Bonnici, iben Anthony,
imwieled Pieta’ fit-8 ta’
ottubru, 1981

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fid-29 ta’ awissu, 2002 għal ħabta tal-5.45 a.m., mill-fond magħruf bħala Brass Monkey, fi Triq San Ġorġ, Paceville kkometta serq ta’ handbag li kien jikkontjeni mobile telephone, tal-marka Nokia, u kamera fotografika, tal-marka Konika, għad-dannu ta’ Cecilie Lebeck mid-Danimarka, liema oġġetti jiswew iktar minn mitt liram maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) u liema serq hu aggravat bil-ħin u bil-valur.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(f), 267, 270, 279 u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta ta' l-imputat. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedi-
menti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------